# INAWGURATA WIRJA LI TIĊĊELEBRA T-800 SENA MILL-ĦOLQIEN TAL-EWWEL PRESEPJU

**Stqarrija | 20 ta' Novembru 2023**

Fil-Palazz tal-Gran Mastru tnediet wirja ta' presepji li hija l-frott ta' kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Għaqda Ħbieb tal-Presepji Għawdex-Malta. Il-wirja qed issir taħt l-awspiċi tal-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta, li inawguraha.

Il-wirja, bl-isem *Il-Mixja tal-Presepju ma' San Franġisk*, hi ħolqa minn katina ta' inizjattivi madwar id-dinja kollha, organizzati mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Presepji, li qegħdin jiċċelebraw it-800 sena mill-ħolqien tal-ewwel presepju minn San Franġisk fi Greccio, l-Italja. Bis-sehem ta' artisti Maltin u barranin, il-wirja għandha l-għan li twassal il-messaġġ li l-presepju jgħaqqad il-ġnus.

Fil-wirja hemm esebiti madwar 60 presepju, maħdumin b'diversi materjali, fosthom kartapesta, ħġieġ u ġablo. Fil-ġimgħat li matulhom se tkun qed tittella' l-wirja se jsiru diversi workshops dwar kif jinħadmu presepji b'materjali differenti, dwar l-aċċessorji tal-presepji, u dwar kif isiru l-pasturi, kif ukoll taħditiet dwar l-istorja tal-presepju.

Fl-okkażjoni ta' din il-wirja, Heritage Malta ħasbet biex tippubblika katalgu dwar il-presepji esebiti, li jinkludi introduzzjoni ġenerali dwar it-tradizzjonijiet tal-Milied u l-presepju Malti. Heritage Malta se toħroġ għall-bejgħ ukoll sett pasturi ta' 15-il biċċa li jinkludu l-karattri ewlenin tal-presepju tradizzjonali Malti flimkien ma' personaġġi tipiċi oħra, bħat-tifel li jagħmel il-prietka tal-Milied. Il-pasturi huma xogħol Pawlu Muscat, wieħed mill-imgħallmin ewlenin tal-pasturi tradizzjonali Maltin, u se jkunu f'kaxxi nnumerati f'edizzjoni limitata.

Fl-inawgurazzjoni tal-wirja, l-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, li kien akkumpanjat mis-Sinjura Miriam Vella, irringrazzja lill-artisti kollha li qed jesebixxu l-presepji tagħhom u faħħar ix-xogħol dettaljat tagħhom.

Għall-inawgurazzjoni attenda wkoll Dott. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Il-wirja se tibqa' għaddejja sal-Ħadd 21 ta' Jannar 2024. Il-qligħ minn din il-wirja se jingħata lill-Malta Community Chest Fund. Id-dħul għall-wirja huwa minn Triq il-Merkanti.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta